**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 11 TA' GUNJU, 2002**

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 1652/01AE**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Wilfred Mifsud sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Paul Barbara**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm115.75), danni kagunati f'incident tat-

traffiku li sehh fis-7 ta' Frar 2001 gewwa Hal Qormi bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBF 786 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru WGM 976 misjuqa minn Wilfred Mifsud l-assikurat tas-socjeta attrici, liema incident sehh tort tal-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha ddikjara li huwa ma kkaguna l-ebda danni fil-vettura WGM 976 u f'kull kaz l-ammont ta' danni mitluba huwa ezagerat.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza titratta incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta' Frar 2001 gewwa Hal Qormi.

2. L-assigurat tas-socjeta attrici (Wilfred Mifsud) kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Peugeot 306 bin-numru WGM 976. Huwa xehed li l-vettura tieghu giet milquta fuq il-parti ta' wara mill-vettura bin-numru DBF 786 misjuqa mill-konvenut.

3. Min-naha tieghu l-konvenut ikkontesta li huwa kkaguna xi hsara fil-vettura misjuqa minn Wilfred Mifsud.

4. Fil-fehma tat-Tribunal, ix-xhieda moghtija minn PC1572 Emanuel Cilia fis-seduta tat-22 ta' April 2002 (fol. 33-34), hija determinanti u tikkonferma li l-incident sehh. Dan ix-xhud ikkonferma li:

- Fil-hin li sehh l-incident inzerta kien qieghed fuq il-post b'xoghol;
- Il-vettura misjuqa mill-konvenut baqghet diehla fuq il-parti ta' wara tal-vettura misjuqa minn Wilfred Mifsud (WGM 976);
- Huwa ra l-incident isehh u kien vicin hafna taz-zewg vetturi;
- Kull ma ra fuq il-vettura WGM 976 kien brixx.

5. Id-danni reklamati huma fl-ammont ta' mija u hmistax-il lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm115.75), in kwantu ghal:

- Lm80.50 – spejjez ghat-tiswija tal-hsara;
- Lm17.25 – loss of use ghall-tlett ijiem;
- Lm8 – *survey report*;
- Lm10 – parts.

6. B'riferenza ghall-hsara li saret fil-vettura WGM 976, xehed is-surveyor Philip Zammit li spezzjona l-vettura. Huwa

kkonferma s-survey report a fol. 20 tal-process. Il-provi jindikaw bic-cjar li l-hsara kienet minima u fil-fehma tat-Tribunal id-danni reklamati huma konservattivi. It-Tribunal qies ukoll li mill-provi ma jirrizultax li s-socjeta attrici ghamlet tajjeb ghall-kiri ta' vettura u li n-number plate gie mibdul.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecid l-kawza billi:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta' Frar 2001 gewwa Hal Qormi bejn il-vettura Peugeot 306 bin-numru WGM 976 u l-vettura misjuqa mill-konvenut.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmenin u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm88.50), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**